# KULLEĠĠ SANTA KLARA
## SKOLA SEKONDARJA - PEMBROKE
**L-EŻAMI ANNWALI 2015**

**IL-LIVELLI**
**4 – 5 – 6**

| **L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA (Il-Qari u t-Taħdit: L-Oral)** | **IL-ĦIN: 6 minuti** |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

| | | |
|---|---|---|
| **IL-MARKI** | Il-Qari | **5** |
| | It-Taħdit – Stampi | **3** |
| | It-Taħdit – Taħdita | **2** |
| | **IT-TOTAL** | **10** |

**IL-KARTA TAL-ISTUDENTI**
**IL-QARI**

**L-Ewwel Attività** **(5 marki)**



**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.** **(3 minuti)**

## Ma tistax tlaħħaq ma' kollox!

Illum ngħixu f'dinja mimlija opportunitajiet – sport, drama, mużika, logħob, divertiment u elf ħaġa oħra. Kważi kważi kollox huwa aċċessibbli. Dan ma jfissirx li għandna nidħlu għal kollox.

Għalkemm l-opportunitajiet żdiedu, is-sigħat tal-ġurnata baqgħu l-istess, erbgħa u għoxrin siegħa, la minuta aktar u lanqas waħda inqas. Barra minn hekk, minn dawn l-erbgħa u għoxrin siegħa, xi sebgħa jew tmienja minnhom inqattgħuhom reqdin u sitta jew sebgħa minnhom ngħadduhom l-iskola nitgħallmu u nistudjaw. Kulma jkun għad fadal huma, bejn wieħed u ieħor, disa' sigħat u fihom irridu nieklu u nagħmlu x-xogħol tal-iskola u forsi nieqfu ftit biex nilagħbu ma' sħabna jew naraw xi ftit televixin. Il-ħin li jibqa' f'idejna hu għal dak li jinteressana, imma jekk ikollna wisq affarijiet nispiċċaw biex jew nagħmluhom kollha nofs kedda, jew inkella nagħmlu ftit minnhom sewwa u nħallu l-oħrajn barra.

Għalhekk, tajjeb li tieqaf ftit u tara liema huma dawk l-affarijiet l-aktar li huma għal qalbek u tiffoka fuqhom biss. Dan sabiex tkun tista' tiddedika l-ħin xieraq biex tagħmel dak li tixtieq. Tassew li tkun qed tħalli xi affarijiet barra, imma tinsiex, li dak li għandek tagħmel, jaqbel li tagħmlu sewwa.

(Addattament tas-silta **Dawk l-imberkin proponimenti**, p. 4-5 minn Xehda Għasel JanFra2011)

# IL-KARTA TAL-ISTUDENTI
# IT-TAĦDIT

| It-Tieni Attività | (3 marki) |
|---|---|

**Deskrizzjoni ta' żewġ stampi.** **(2 minuti)**
Ħares lejn is-sitt stampi pprovduti. Agħżel **tnejn** minnhom u tkellem dwarhom.


A


B


Ċ


D


E


F

| It-Tielet Attività | (2 marki) |
|---|---|

**It-Taħdita** **(minuta)**
Agħżel **wieħed** mis-suġġetti t'hawn taħt u tkellem dwaru għal madwar minuta.

1. L-iskola tiegħi
2. Il-klassi tiegħi
3. L-akbar ħabib/a tiegħi
4. Il-familja tiegħi

**TMIEM IL-KARTA**